MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 506/1995/1

**John u Mary konjugi Bugeja**

**vs**

**Albert u Mary konjugi Sacco**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

B'citazzjoni tat-3 ta' Marzu, 1994 l-atturi wara li ppremettew illi bi ftehim ta' Lulju, 1993 l-attur kellu jbiegh il-Van Hillman Estate numru E-1439 bil-prezz ta' elf erbgha mija u hamsin lira (LM1450) (lill-konvenut) li minnhom, mal-konsenja tal-istess Van, kien hallas depositu ta' LM900; illi ftit wara l-konvenut beda jsostni li kellu jonfoq xi spejjes ghall-van li insista li jonqsu mill-prezz u ma riedx li jsir it-trasferiment skond il-ligi nonostante diversi interpellazzjonijiet izda baqa' jzomm il-van sallum; illi dan il-ftehim kien biss verbali u ma saret ebda skrittura skond kif tirrikjedi l-ligi tal-boll; u ghalhekk il-van ghadu proprjeta' ta' l-attur; premess dan kollu, l-atturi talbu li l-Qorti:-

1. tordna lill-konvenuti jirritornaw il-van imsemmi lill-atturi, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li dan ghadu proprjeta' tal-istanti, fi zmien li jigi prefiss mill-istess qorti;
2. tiddikjarahom responsabbli ghal kull dannu li jista' jigi rekat bin-nuqqas taghhom li jaghmlu dan;
3. fin-nuqqas li jaghmel [recte: jaghmlu] dan, tikkundannahom ihallsu il-valur tieghu lill-atturi, liema valur jigi likwidat fis-somma ta' LM550 fuq imsemmija (sic) jew somma verjuri;
4. tillikwida kumpens dovut lill-atturi ghall-pussess da parti tal-konvenut tal-istess van minn Lulju 1993 sad-data tal-konsenja;
5. tikkundannahom ihallsu s-somma hekk likwidata lill-atturi.

Il-konvenuti resqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. L-inkompetenza tal-Qorti rationae materiae.
2. L-intempestivita' tal-azzjoni odjerna u dan peress li l-konvenuti kienu disposti li jhallsu d-differenza tal-prezz dovut prevja li jigu mnaqqsa l-ispejjes li nkorra l-konvenut minhabba l-hsarat li kellha l-vettura, u ghalhekk l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu spejjes ta' din il-kawza.
3. Fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tal-24 ta’ Marzu, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra l-atturi, u dan wara li kkunsidrat:-

“*Li hemm qbil bejn il-kontendenti li kien sar ftehim bejniethom li permezz tieghu l-attur kellu jbiegh il-Vann tal-marka “Hillman Estate” bin-numru tar-registrazzjoni E-1439 lill-konvenut bil-prezz ta’ elf erba’ mija u hamsin lira (LM1,450), kif ukoll li l-konvenut hallas bhala depozitu ghak-kont tal-prezz is-somma ta’ disa’ mitt lira (LM900) mal-konsenja tal-istess van.*
*“Il-partijiet jaqblu wkoll li dan il-vann baqa’ ma giex trasferit, skond il-ligi, lill-konvenut u li, ghalhekk, l-istess van ghadu proprjeta’ tal-atturi.*
*“Il-konvenuti qeghdin jeccepixxu li din l-azzjoni hija intempestiva ghaliex huma kienu disposti li jhallsu l-bilanc tal-prezz fl-ammont ta’ LM550.00 wara li minn dan il-bilanc titnaqqas is-somma erogata mill-konvenuti fi spejjes li kienu mehtiega biex il-hsarat li kellu dan il-van jissewwew.*
*“Fil-fatt, jirrizulta li l-konvenut hallas is-somma ta’ LM353.02 lil mekkanik Salvu Gauci li qala’ l-magna ta’ l-istess vann u ghamel ix-xoghol ta’ ‘reboring’ taghha. Il-konvenut kien mar ghand l-attur u qallu li ried jaqta dan l-ahhar ammont mill-bilanc dovut lilu u l-attur qallu li ma kienx lest li jaqtaghlu dan l-ammont u qallu li jekk ma jhallsux il-bilanc tal-prezz ma kienx se jiffirma t-“transfer” tal-vettura.*

*“Ikkunsidrat:*
*Li l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova fis-sens li l-attur kien obliga ruhu li jhallas is-somma ta’ LM353.02,0 jew li accetta li din is-somma tinqata’ mis-somma bilancjali ta’ LM550.00 dovuta lilu ghas-saldu tal-prezz tal-vettura. Verament, l-atturi lanqas ma jallegaw li kien jezisti ftehim bhal dan.*
*Ghalhekk, taht l-ebda aspett ma jista’ jinghad li l-azzjoni ta’ l-atturi hija intempestiva u l-Qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni bhala inattendibbli.”*

*“Ikkunsidrat:*

*Li l-ewwel talba attrici hija fis-sens li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti biex jirritornaw il-vann in kwistjoni billi dan ghadu proprjeta' tal-istess atturi ghaliex it-'transfer' tieghu baqa' ma sarx. Umbaghad, id-domandi l-ohra, b'eccezzjoni tar-raba' u l-hames domandi, huma konsegwenzjali ghall-eventwalita` li l-konvenuti ma jottemperawx ruhhom mal-ewwel kundanna fiz-zmien prefiss lilhom.*
*"Ghandu jinghad, pero', li l-Qorti ma tistax tasal biex tikundanna lill-konvenuti biex jirritornaw il-vann in kwistjoni lill-atturi ghaliex dawn diga rcevew disa mitt lira (LM900.00) ghak-kont tal-prezz mal-konsenja tal-vann. Kieku kellha takkolji din id-domanda l-Qorti tkun qeghda taghti aditu ghall-arrikkiment indebitu da parti ta' l-atturi li jispiccaw biex, oltre li ghandhom f'idejhom l-imsemmija somma, ikollhom ukoll il-vann.*
*"Jinghad ukoll illi, kif gja ntqal, il-vann illum m'ghadux ta l-istess valur li kellu meta sar l-akkordju ghaliex inqalghetlu l-magna li sar ir-'reboring' taghha bil-prezz ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira (LM353.00) li thallas mill-konvenut. Jirrizulta li l-konvenuti kellhom ihallsu dan il-prezz billi min esegwixxa x-xoghol ma kienx lest li jirrilaxxja l-vettura jekk m'hux kontra l-pagament. Ghalhekk, dan ix-xoghol jawmenta l-valur tal-vann in kwistjoni u, konsegwentement, l-arrikkiment indebitu ta' l-atturi, f'kaz li din it-talba tigi akkolta, jkun akbar.*
*"Fir-rigward tar-raba' u l-hames talbiet, jinghad li lanqas dawn ma jirrizultaw fondati ghaliex matul iz-zmien kollu li l-konvenuti ghamlu uzu mill-vann l-atturi kellhom f'idejhom l-imsemmija somma ta' LM900.00 li kienet u ghadha tintitola lill-konvenuti li jaghmlu uzu mill-vann sakemm isir it-transfer tal-vettura."*

**L-appell ta' l-atturi.**

B'rikors tat-3 ta' April, 2000 l-atturi interponew appell mis-sentenza fuq riportata billi hassew ruhom aggravti ghaliex il-Qorti sabet diffikulta` li tikkundanna lill-konvenut jhallas il-valur bilancjali. Infatti jsostnu l-atturi li l-uniku punt dibattibbli kien jekk il-konvenuti kellhomx dritt ghas-somma ta' LM353 spejjes imhallsa minnhom. L-atturi

wkoll hassew ruhhom aggravti billi l-ewwel qorti ma llikwidatx kumpens skond ir-raba' u hames talbiet.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Jidher li l-problema principali f'din il-kawza hija konsegwenza tal-fatt li bejn il-kontendenti qatt ma gie konkjuz bejgh validu tal-vettura fuq imsemmija. Dan ghaliex ma kienux gew osservati r-rekwiziti imposti fl-artikolu 40 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti – Att XXXI ta' l-1981 (Kap 294 tal-Ligijiet ta' Malta) li jidher li kien fis-sehh fid-data li sar l-ftehim bejn il-kontendenti. Dan l-artikolu kien jghid espressament li "Bla hsara ghal kull ligi li tippreskrivi att pubbliku, kull trasferiment li ghalih japplikaw l-artikoli 38 u 39 ta' dan l-Att, taht piena tan-nullita`, ghandu jsir bil-miktub." L-artikolu 39 tal-istess Kapitolu citat kien jitkellem proprju dwar it-taxxa li ghandha tithallas fuq "Kull dokument li fih xi karozza bil-mutur ..... tigi trasferita ...".

L-Att XXXI ta' l-1981 fuq imsemmi gie sostitwit bl-Att XVII tan-1993 maghruf bhala "Duties on Documents and Transfers Act" li proprju dahal fis-sehh fis-16 ta' Lulju, 1993 u cioe` fl-istess xahar meta allegatament saret it-transazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-van numru E-1439. Infatti fic-citazzjoni huwa premess li "*l-attur u l-konvenut kienu ftehmu f'Lulju, 1993 li l-attur kellu jbiegh il-van ....*" Mir-rizultanzi processwali ma jidhirx li qatt inghatat xi precizazzjoni dwar din id-data, u ghalkemm jista' jinqala d-dubbju jekk verament l-bejgh allegat kienx null jew le minhabba l-assenza ta' kitba, liema kitba ma kienetx aktar mehtiega '*ad validitatem*' meta dahal fis-sehh l-Att XVII tan-1993, din il-Qorti ma tarax il-ghala ghandha tiddipartixxi minn dak li osservat l-ewwel qorti li "Il-partijiet jaqblu wkoll li dan il-vann baqa' ma giex trasferit, skond il-ligi, lill-konvenut ..." Minn dan ghalhekk din il-Qorti tifhem li t-trattativi bejn il-kontendenti kienu saru u gew konkjuzi qabel ma dahal fis-sehh l-Att XVII ta' l-1993.

Gialadarba ma kienx hemm bejgh minhabba l-assenza ta' rekwizit essenzjali ghal dan it-trasferiment il-vettura in kwistjoni ghadha sallum tappartjeni lill-attur u ghalhekk

jigi li l-konvenut qed jzomm l-istess van b'mod abbuziv u illegali. Jsegwi ukoll li l-attur ma jistax, kif ghamel fl-att promotur, jipproponi talba ghal kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz konvenut billi, fl-assenza ta' bejgh legittimu, dan il-hlas mhux dovut.

Is-sitwazzjoni presenti hija wahda anomala billi minn naha l-wahda l-attur, qua sid il-van, ghandu f'idejh is-somma ta' LM900, depositata mill-konvenut akkont tal-prezz akkordat bejn il-partijiet ghall-bejgh eventwali tal-istess vettura. Mill-banda l-ohra l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu u hekk ilu jiddetjeni ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, vettura li fuqha ma jista' jivvanta ebda titolu ta' proprjeta` billi ma gewx osservati l-formalitajiet li trid il-ligi ghat-trasferimenti ta' vetturi bil-mutur u dan minghajr qatt ma hallas il-prezz kollu miftiehem.

Il-kwistjoni giet aktar kumplikata billi, wara li l-van ghadda fil-pussess tal-konvenuti, saru fuqu xi xogholijiet mekkanici li kienu mehtiega ghall-funzjonament tajjeb tieghu u liema spejjes jirrizulta li thallsu mill-konvenuti. Billi l-van ghadu legalment ta' l-atturi dawn l-ispejjes u rizultanti miljoramenti fil-van ser jibbenefikaw lill-atturi qua sidien.

Fir-rikors tal-appell taghhom l-appellanti jghidu li "*ma jistghux jifhmu x'sabet diffikulta' l-Onorabbli Qorti biex tikkundanna l-konvenut ghall-hlas tal-bilanc bhala valur bilancjali tal-vann."* Dan l-ilment jidher indirizzat ghac-cahda tat-tielet talba attrici. Din it-talba jidher li kienet marbuta ma' u mahsuba bhala konsegwenza logika ghall-eventwalita' li l-ewwel talba attrici tigi michuda billi gie propost mill-atturi li, f'kaz li l-van ma jigiex ritornat lill-atturi a termini ta' l-ewwel talba, l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma bilancjali mill-prezz konvenut ta' LM550.

Fuq dan l-ewwel qorti osservat li ma tistax tilqa' l-ewwel talba u b'hekk tordna r-restituzzjoni tal-van "sic et simpliciter" billi, skond ma inghad fis-sentenza appellata, tali ordni johloq stat ta' illegalita' inkwantu il-Qorti "*tkun qeghda taghti aditu ghall-arrikkiment indebitu da parti ta' l-atturi".* Dan ghaliex, osservat l-ewwel Qorti, l-attur mhux

biss ghandu f'idejh is-somma ta' LM900 depositata mill-konvenuti akkont tal-prezz tal-van, izda l-valur tal-istess van zdied bix-xogholijiet fuq imsemmija li kienu gew imhallsa mill-konvenuti.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva, kif gja nghad aktar 'l fuq, li a bazi tal-premessa li bejn il-kontendenti ma sehh ebda trasferiment validu tal-vettura in kwistjoni huwa guridikament inkoncepibbli li tigi kunsidrata jew sahansitra akkolta t-tielet talba attrici u dan ghaliex gialadarba ma hemmx bejgh tal-van il-konvenut qatt ma jista` jigi kundannat ihallas ghal dak li fir-realta` huwa qatt ma xtara.

Dwar il-pretensjoni tal-konvenuti ghar-risarciment ta' kull ammont minnhom sborsat ghat-tiswijja tad-difetti li zviluppaw jew kienu jezistu fil-magna tal-vettura li kellha tkun l-oggett tal-bejgh, jigi osservat li din l-pretensjoni ukoll ma tistax tigi kunsidrata minn din il-Qorti billi qatt ma saret kontro-talba mill-konvenuti intiza din sabiex jigi determinat li dan l-ammont kien verament imhallas minnhom u jekk kien imhallas minnhom kien fir-realta` dovut mill-atturi u mhux mill-konvenuti. Dan l-aspett tal-kontroversja ma seta' qatt jigi determinat fuq bazi ta' semplici eccezzjoni, eccetto fil-kazi meta jikkonkorru l-elementi ta' l-istitut ta' tpacija u cioe` jekk jirrizulta li l-ammont reklamat kien veru, likwidu w dovut – haga li certament ma tirrizultax anke in vista tal-kontestazzjoni da parti tal-atturi.

Illi mill-kumpless tal-provi ghalhekk jidher li l-konvenuti ghandhom f'idejhom vettura li la hi proprjeta` taghhom u lanqas ma tirrizulta registrata f'isimhom. Dan li stat ta' fatt, apparti problemi ohra li jistghu jinqalghu anke f'kamp kriminali, certament ma jintitolax lill-konvenuti li jibqghu jzommu f'idejhom din l-vettura u konsegwentement l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta cahdet l-ewwel talba attrici. Il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel qorti dwar arrikkiment indebitu minhabba l-fatt li l-atturi ghandhom d-depositu f'idejhom jew anke minhabba l-

awment fil-valur tal-vettura bhala rizultat tax-xogholijiet li saru fuqha ma ghandhomx jimpingu fuq d-determinazzjoni tas-sitwazzjoni guridika ezistenti bejn il-kontendenti u naxxenti mill-mankat bejgh tal-vettura. Il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel qorti u d-decizzjoni taghha fuq riportata jwasslu biss biex jaghtu l-"*imprimatur*" lill-sitwazzjoni anomala li waslet ghal dawn il-proceduri billi persuna tigi tollerata zzomm indefinittivament vettura li ma hijiex proprjeta` taghha. Bic-cahda ta' l-ewwel talba attrici l-Prim Awla tal-Qorti Civili ma pprovdiet ebda rimedju ghal din is-sitwazzjoni u ghalhekk din il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza appellata bis-salvagwardji mehtiega sabiex din is-sitwazzjoni anti guridika ma tibqax tippersisti w dan fit-termini tac-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

L-appellanti jkomplu jghidu li "*L-uniku punt legali dibattibbli kien jekk il-konvenuti kellhomx dritt jaddebitaw il-hlas ta' LM350 li qalu li sofrew bhala spejjes biex jirrangaw il-vann.*" F'dan ir-rigward saru sottomissjonijiet dwar l-ezistenza o meno ta' garanzija dwar vizji okkulti fl-akkwist ta' vettura *second hand*. Issa apparti dak li inqal aktar 'l fuq dwar l-ezigibilita` ta' tali kreditu, jigi rilevat li gia la darba qatt ma kien hemm bejgh tal-van, wiehed ma jista' qatt jitkellem dwar garanzija ghal vizji okkulti jew l-obbligi rispettivi tal-bejjiegh jew tax-xerrej f'bejgh ta' vettura "seconda mano" u dana billi tali garanzija ghandha biss relevanza u tidhol in vigore meta jkun hemm "bejh". Haga li fil-kaz prezenti ma tirrizultax.

Finalment l-appellanti hassew ruhhom aggravti bil-fatt li l-ewwel qorti donna ma llikwidatx l-ammont dovut lilhom ai termini tar-raba' talba fic-citazzjoni. Dan l-aggravju izda ma jirrizultax gustifikat billi jidher li l-ewwel qorti fir-realta` hadet din it-talba in konsiderazzjoni meta testwalment osservat hekk "Fir-rigward tar-raba' u l-hames talbiet, jinghad li lanqas dawn ma jirrizultaw fondati ghaliex matul iz-zmien kollu li l-konvenuti ghamlu uzu mill-vann l-atturi kellhom f'idejhom l-imsemmija somma ta' LM900 <u>li kienet u ghadha tintitola lill-konvenuti li jaghmlu uzu mill-vann sakemm isir it-transfer tal-vettura.</u>" Din il-Qorti ma thoss li

ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti f'dan ir-rigward.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi mill-appell tal-atturi billi:--

a) tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu din cahdet l-ewwel talba _attrici billi filwaqt li tiddikjara li l-vann in kwistjoni kien u ghadu proprjeta` ta' l-atturi tordna lill-konvenuti jirritornaw l-istess vann lill-atturi fi zmien hmistax-il gurnata millum.

b) tikkonferma s-sentenza appellata nkwantu cahdet t-talbiet l-ohra kollha tal-atturi, hlief ghal dak li jikkoncerna l-kap ta' l-ispejjes.

c) tirriserva favur l-konvenuti kull dritt li ghandhom kontra l-atturi ghar-rifuzjoni tad-depositu minnhom maghmul fl-ammont ta' LM900.

d) tirriserva kull dritt spettanti lill-konvenuti, *si et quatenus*, ghar-risarciment tal-ispejjes minnhom maghmula fil-vettura in kwistjoni in konnessjoni mat-tiswijiet li jissemmew fl-atti ta' din il-kawza.

L-ispejjes ta' dan l-appell u dawk tal-prim istanza ghandhom, fic-cirkostanzi, jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------